



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/404 tat-13 ta' Marzu 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014 sa 2020** 1

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/405 tal-21 ta' Novembru 2017 li jikkoreġi xi wħud mill-verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ⁽¹⁾** 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/406 tat-2 ta' Marzu 2018 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Orġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Amêndoa Coberta de Moncorvo" (IĠP))** 5
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/407 tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** 6
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/408 tal-15 ta' Marzu 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1758 li jstabbilixxi l-forma u l-kontenut tal-informazzjoni dwar il-kontabilità li trid tintbagħat lill-Kummissjoni għall-fini tal-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR kif ukoll għall-finijiet tal-monitoraġġ u tat-tbassir** 9

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/404

tat-13 ta' Marzu 2018

**dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera
dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni
u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014 sa 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ jipprevedi li l-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen jipparteċipaw fl-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li għandhom jiġu konklużi arranġamenti dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom u r-regoli supplementari meħtieġa għal tali parteċipazzjoni, inkluż dispożizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u s-setgħat ta' awditu tal-Qorti tal-Awdituri.
- (2) Fl-14 ta' Lulju 2014, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mar-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein għal Ftehim dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-Fond għas-Sigurtà Interna – il-Fruntieri u l-Viża għall-perjodu 2014 sa 2020. In-negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fil-21 ta' April 2017.
- (3) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Minħabba li din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur minn meta l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni, jekk hijiex se timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jhux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE ⁽²⁾; għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ⁽³⁾; Għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jiehdha sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

(6) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, b'ħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014 sa 2020 ⁽¹⁾ huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
V. GORANOV

⁽¹⁾ It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/405

tal-21 ta' Novembru 2017

li jkkoreġi xi wħud mill-verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 456(1)(j) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-verżjoni tal-lingwa Olandiża tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fiha żball fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 429a(3) imdaħħal bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/62 ⁽²⁾ li jikkonsisti preferenza żbaljata li minħabba fiha jitnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati mill-operaturi. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati.
- (2) Il-verżjoni tal-lingwa Ċeka tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fiha żball fl-Artikolu 429b(4) imdaħħal bir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/62 li minħabba fih il-kundizzjoni li tirregola l-użu ta' metodu ssimplifikat tal-kollateral finanzjarju tinftiehem bis-sens oppost għal dak tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati.
- (3) Il-verżjoni tal-lingwa Litwana tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fiha żball fl-Artikolu 429b(4) imdaħħal bir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/62 fir-rigward tad-determinazzjoni taż-żieda. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġi kkoreġut skont dan.
- (5) Għal raġunijiet ta' ċertezza tad-dritt, dan ir-Regolament għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/62,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mit-18 ta' Jannar 2015.

⁽¹⁾ ĠUL 176, 27.6.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/62 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-proporzjon ta' ingranaġġ (ĠUL 11, 17.1.2015, p. 37).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/406**tat-2 ta' Marzu 2018****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Orìġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Amêndoa Coberta de Moncorvo" (IĠP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) It-talba tal-Portugall biex id-denominazzjoni "Amêndoa Coberta de Moncorvo" tiddaħħal fir-reġistru għet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.
- (2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li d-denominazzjoni "Amêndoa Coberta de Moncorvo" tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni "Amêndoa Coberta de Moncorvo" (IĠP) għandha tiġi rreġistrata.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott tal-klassi 2.3. Ħobż, għaġina, kejkijiet, ħelu, gallettini u prodotti oħra tal-furnara tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ⁽³⁾.*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni,
Fisem il-President,
Phil HOGAN
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 391, 18.11.2017, p. 11.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠUL 179, 19.6.2014, p. 36).

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/407**tal-14 ta' Marzu 2018****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽²⁾, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha parzjalment jew kollha kemm hi, jew li żżid kwalunkwe sottodivizjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 269, 10.10.2013, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2018.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Stephen QUEST
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali*

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Prodott bl-isem ta' "gagazza kannella tal-alumina fuża" li huwa prodott sekondarju miksub mill-produttjoni tal-elettkorundum komuni fil-fran elettriċi.</p> <p>Il-prodott huwa kompost mill-ingredjenti li ġejjin (% skont il-piż):</p> <ul style="list-style-type: none"> — ħadid 75 — siliċju 15 — titanju 5 — aluminju 3 — metalli oħra 2 <p>Il-prodott jintuża għall-konċentrazzjoni tal-metalli mhux maħduma permezz ta' flotazzjoni selettiva fil-proċess ta' separazzjoni gravimetrika.</p>	7202 29 90	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 3(a) tal-Kapitolu 26, in-Nota 1(c) tal-Kapitolu 72, in-nota 2 tas-Sottointestatura tal-Kapitolu 72 u bil-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 7202, 7202 29 u 7202 29 90.</p> <p>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 2620 hija eskluża peress li l-prodott ma jissodisfax ir-rekwiżiti tan-Nota 3(a) tal-Kapitolu 26.</p> <p>Il-kompożizzjoni kimika tal-prodott tissodisfar-rekwiżiti tan-nota 1(c) tal-Kapitolu 72 li tiddefinixxi l-liġi tal-ħadid u n-nota 2 tas-sottointestatura tal-Kapitolu 72 li tiddefinixxi l-liġi tal-ħadid tal-intestatura 7202.</p> <p>Iż-żewġ karatteristiċi essenzjali ta' dan il-prodott, li huma konformi mad-deskrizzjoni tal-liġi tal-ħadid, huma li l-prodott jintuża fis-separazzjoni gravimetrika tal-metalli mhux maħduma u li jiġi pproċessat permezz tal-fran elettriċi (ara wkoll in-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 7202, ir-raba' u s-sitt paragrafi).</p> <p>Minħabba l-kompożizzjoni kimika tal-prodott, li tippermetti li jintuża fis-separazzjoni gravimetrika tal-metalli mhux maħduma permezz tal-flotazzjoni selettiva, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 7202 bħala liga tal-metall.</p> <p>Il-prodott għalhekk għandu jiġi kklassifikat fil-kodiċi NM 7202 29 90 bħala liga oħra tas-siliċju tal-ħadid.</p>

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/408

tal-15 ta' Marzu 2018

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1758 li jistabbilixxi l-forma u l-kontenut tal-informazzjoni dwar il-kontabilità li trid tintbagħat lill-Kummissjoni għall-fini tal-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR kif ukoll għall-finijiet tal-monitoraġġ u tat-tbassir

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 104 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1758 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-istruttura tal-kodiċijiet baġitarji tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ("il-FAEŻR") għall-perjodu ta' program-mazzjoni 2014-2020.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2017/2393 ⁽³⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill emenda diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, fosthom dawk li jikkonċernaw allokazzjoni addizzjonali u kategorija ġdida ta' deroga mir-rata ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1758 jirrifletti l-emendi għad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1758 jiġi emendat skont dan.
- (4) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-istess jum bħar-Regolament (UE) 2017/2393.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tielet tabella, taħt il-punt 1.2 "l-istruttura tal-kodiċijiet baġitarji", li tiddefinixxi it-tieni ċifra tal-kombinazzjoni ta' oġġetti li ntużaw biex tiġi stabbilita r-rata massima ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR, "RRR", fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1758, hija emendata kif ġej:

- (1) Il-linja għall-kodiċi 6 tinbidel b'dan li ġej:

"6	59(4)(f)	Allokazzjoni addizzjonali għall-Irlanda, għall-Portugall u għal Ċipru"
----	----------	--

- (2) Tiżdied il-linja li ġejja:

"8	59(4)(h)	Rata ta' kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 39a(13) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 għall-istrument finanzjarju msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 38(1) ta' dak ir-Regolament"
----	----------	--

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 549.⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1758 tas-27 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-forma u l-kontenut tal-informazzjoni dwar il-kontabilità li trid tintbagħat lill-Kummissjoni għall-fini tal-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR kif ukoll għall-finijiet tal-monitoraġġ u tat-tbassir (ĠUL 250, 28.9.2017, p. 1).⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u (UE) Nru 652/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti (ĠUL 350, 29.12.2017, p. 15).⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠUL 347, 20.12.2013, p. 487).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT